

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-24 ta' Ġunju 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Treviso — l-Italja) — proċeduri kriminali kontra Luigi Pontini, Emanuele Rech, Dino Bonora, Giovanni Forato, Laura Forato, Adele Adami, Sinergie sas di Rech & C., Impresa individuale Forato Giovanni, Forato srl, Giglio srl, Impresa individuale Rech Emanuele, Ivo Colomberotto, Agenzia Veneta per i pagamenti in agricoltura — AVEPA, Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura (AGEA), Agrirocca di Rech Emanuele, Asolat di Rech Emanuele & C.

(Kawża C-375/08) ⁽¹⁾

(“**Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Laħam taċ-ċanga u tal-vitella — Regolament (KE) Nru 1254/1999 — Għajjnuna finanzjarja Komunitarja relatata mal-primjums speċjali għall-annimali tal-ifrat ta' sess maskili u dwar il-ħlas dwar l-estensifikazzjoni — Kundizzjonijiet għall-għoti — Kalkolu tad-densità tal-annimali miżmuma fuq l-impriża — Kunċett ta' 'żona tal-mergħa disponibbli' — Regolamenti (KEE) Nru 3887/92 u (KE) Nru 2419/2001 — Sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll għal ċerti skemi ta' għajjnuna Komunitarja — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja għall-produzzjoni ta' titolu legali validu li jiġġustifika l-użu taż-żoni tal-mergħa użati**”)

(2010/C 221/06)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Treviso

Partijiet fil-proċeduri kriminali prinċipali

Luigi Pontini, Emanuele Rech, Dino Bonora, Giovanni Forato, Laura Forato, Adele Adami, Sinergie sas di Rech C., Impresa individuale Forato Giovanni, Forato srl, Giglio srl, Impresa individuale Rech Emanuele, Ivo Colomberotto, Agenzia Veneta per i pagamenti in agricoltura — AVEPA, Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura (AGEA), Agrirocca di Rech Emanuele, Asolat di Rech Emanuele C.

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunale di Treviso — Interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999, tas-17 ta' Mejju 1999, dwar l-organizzazzjoni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 339) — Kunċett ta' “żona tal-mergħa” — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta, fin-nuqqas ta' titolu ta' proprjetà, l-għoti ta' għajjnuna finanzjarja għall-produzzjoni ta' titolu legali fis-seħħ li jiġġustifika l-użu taż-żoni tal-mergħa użati.

Dispożittiv

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja, u b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999, tas-17 ta' Mejju 1999, dwar l-organizzazzjoni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella, ma tikkondizzjonax l-eliġibiltà ta' applikazzjoni għal primjums speċjali għall-annimali tal-ifrat

ta' sess maskili u għal ħlas għall-estensifikazzjoni għall-preżentazzjoni ta' titolu legali validu li jiġġustifika d dritt tal-applikant għall-ghajjnuna li juża ż-żoni tal-mergħa li huma s suġġett ta' din l-applikazzjoni. Madankollu, il-leġiżlazzjoni Komunitarja ma tipprekludix l-Istati Membri milli jimponu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom obbligu li jiġi ppreżentat tali titolu bil-kundizzjoni li jiġi rrispettati l-għanijiet intiżi mil-leġiżlazzjoni Komunitarja u l-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, b'mod partikolari l-prinċipju ta' proporzjonalità.

⁽¹⁾ ĠU C 327, 20.12.2008

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-17 ta' Ġunju 2010 — Lafarge SA vs Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-413/08 P) ⁽¹⁾

(“**Appell — Akkordju — Folji tal-ġibs — Żnaturament tal-provi — Oneru tal-prova — Nuqqas ta' motivazzjoni — Regolament Nru 17 — Artikolu 15(2) — Sanzjoni — Reċidiva — L-istadju meta l-effett dissważiv tal-multa jiġi kkunsidrat**”)

(2010/C 221/07)

Lingwa tal-proċedura: il-Francizz

Partijiet

Appellanti: Lafarge SA (rappreżentanti: A. Winckler, F. Brunet, E. Paroche, H. Kanellopoulos u C. Medina, avukati)

Il-partijiet l-oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre u N. von Lingen, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) tat-8 ta' Lulju 2008, Lafarge SA vs Il-Kummissjoni (T-54/03) li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadhet ir-rikors tar-rikorrenti intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-27 ta' Novembru 2002, li timponi fuq l-imsemmija rikorrenti multa skont l-Artikolu 81 tat-Trattat KE — Akkordju fuq l-iffissar tal-prezzijiet fis-settur tal-folji tal-ġibs — Ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tar-regoli fil-qasam tal-oneru tal-prova — Ksur tal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' proporzjonalità fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont tal-multa — Kunċett ta' reċidiva